MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Avviz Numru. 416/2012

**Yellow Pages Malta Limited**

**Vs**

**Jonathan Callus**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici, fejn talbet illi l-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disat elef erba’ mija u sebgha u ghoxrin Ewro u sittax-il centezmu (€9,427.16) rapprezentanti bilanc dovut ghal servizzi ta’ reklamar debitament ipprestati lill-konvenut, liema somma baqa’ ma’ hallasx minkejja diversi nterpellanzi, fosthom bl-ittra ufficjali datata 1 t’Ottubru, 2012, bl-interessi u bl-ispejjez legali, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 1 t’Ottubru, 2012, tal-ittri bonarji datati 4 ta’ Dicembru, 2012 u 6 ta’ Awwissu, 2012, u tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment kontra l-intimat, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 2013 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut Jonathan Callus.

Rat li fis-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2013, il-konvenut Jonathan Callus msejjah tlett darbiet naqas li jidher, ghalkemm debitament notifikat, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta' attrici ghandha titqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut Jonathan Callus ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef erba' mija u sebgha u ghoxrin Ewro u sittax-il centezmu (€9,427.16), bl-interessi u bl-ispejjez legali, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 1 t'Ottubru, 2012, tal-ittri bonarji datati 4 ta' Dicembru, 2012 u 6 ta' Awwissu, 2012, u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------